Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,537, 17 ta' Jannar, 1992
Taqsima B

A.L. 7 ta' l-1992

ATT TA' L-1991 DWAR IL-KORPORAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TA' L-ILMA (ATT NRU XXIII TA' L-1991)

Avviż ta' bidu fis-seħħ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat lilu mogħtija bl-artikolu 1(2) ta' l-Att ta' l-1991 dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, il-Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura stabbilixxa l-20 ta' Jannar, 1992 bħala d-data li fiha għandhom jidħlu fis-seħħ l-artikoli kollha ta' l-istess Att, ħlief għall-paragrafi (d) u (e) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3, id-dispożizzjonijiet dwar ir-rimi u riċiklaġġ ta' l-ilma fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 3, il-paragrafi (ċ), (d) u (e) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 3, artikolu 19, is-subparagrafu (vi) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 43, is-subparagrafi (iv) u (v) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 44, u l-paragrafu (l) ta' l-artikolu 45 ta' l-istess Att.